Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 11/17

**AVVIŻI**

**12 ta' Marzu 2017**

Mit-Tnejn 12 ta' Marzu sa jsir il-funeral ta' Joseph Sammut mill-parroċċa tagħna fl-4pm. Il-quddiesa tas-6.15pm ma ssirx.

Nhar it-Ħamis 16 ta' Marzu ssir Adorazzjoni Ewkaristika wara l-quddiesa tas-6.15pm.

Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu ssir l-ewwel laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li sa jirċievu l-ewwel tqarbina fil-MUSEUM fl-4.30pm.

Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu fit-8pm ssir l-ewwel laqgħa ta' meditazzjoni għar-Randan għaż-żgħażagħ bejn 16 u 35 sena fil-Knisja.

Nhar is-Sibt 18 ta' Marzu ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel qrara tat-tfal fil-5pm fil-Knisja. Din hu jum ta' festa għall-parroċċa kollha għaliex dawn ħutna ċ-ċkejknin sa jirċievu dan is-sagrament għall-ewwel darba. Ikunu jistgħu iqerru l-kbar ukoll.
Minħabba din iċ-ċelebrazzjoni l-oratorju ma jsirx.

Nhar is-Sibt 18 ta' Marzu fis-7.30pm sa ssir *Pasta Night* fiċ-Ċentru Parrokkjali organizzata mill-Kumitat tal-Festa. F'dan iż-żmien tar-Randan li fih aħna mistiedna nħennu u nuru mħabba lejn ħutna fil-bżonn 10% mill-qliegħ ta' din l-attività jmur għad-Dar tal-Providenza. Booking sa nhar l-Erbgħa.